MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 560/2003

**Percius Car Hire Limited**
**Vs**
**John u Maryanne konjugi Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) rapprezentanti bilanc dovut fuq kirja ta' vettura da parti tal-konvenuti jew min minnhom minghand is-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Avv. Dr Aaron Mifsud Bonnici jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadhu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm210 (mitejn u ghaxar liri Maltin) rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar ta’ prezz ta’ kiri ta’ vettura.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------